MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2007

Numru. 352/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**GIUSEPPE BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Giuseppe Borg ta' 77 sena, bin Achille u Maria Stella nee' Micallef, imwieled il-Hamrun nhar l-4 ta' April, 1929, residenti fil-fond imsemmi Yvonne, Triq in-Nutar Zarb, Attard, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 276929M;

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi xhur bejn l-1 ta' Gunju 2000 u l-31 ta' Mejju 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' direttur ewlieni

tal-kumpanija Hotels International Ltd (C1380), approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, sbatax-il elf lira u tlieta u tmenin lira maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm17,083.71) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT u tal-Gvern ta' Malta, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

2. U aktar talli kiser il-providiment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta), meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien gimgha, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar il-15 ta' Mejju, 2001;

3. U aktar talli kiser il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta), meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar id-9 ta' Mejju, 2002.

Wara lirat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammmissjoni tal-imputat wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li semghet ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT, li ddikkjara li l-imputat fadallu jhallas is-somma ta' Lm7,000.00 (sebat elef lira maltin).

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Giuseppe Borg hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' Lm7,000.00 (sebat elef lira maltin) lid-Dipartiment tal-VAT, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan minghajr pregudizzju ghal imghaxx u penali dovuti lill-istess dipartiment.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------